# NOTI FOLKLORISTICI

migbura minn GUIDO LANFRANCO

Kompetizjonijiet F'April saret kompetizjoni ghall figolli, organizzata mil-Ladies Circle ta' St. Paul Missionary College, Rabat, sponsorjata minn Muscat General Stores. Kompetizzjoni tal-Prespeji, nazzjonali saret f'Dicembru, li ghaliha dahlu akatar minn 30, f'Malta u Ghawdex. F'Gunju'79 saret kompetizzjoni ghall leggendi maltin, organizzata mill-Unesco Club lokali, biex ir-rebbieha jigu nkorporati f'xoghol dwar leggendi tal-Mediterran organizzat mill-International Meetings of Unesco Clubs li sar f'Istres fi Franza. Il-Kumitat tal-Festi Nazzjonali organizza kompetizzjoni ta' kostumi biex jidhru in konnessjoni mal-festa ta' l-Imnarja, din is-sena. Dan il-Kumitat, ukoll, ma' l-Enemalta, heggew it-tizjin bid-dwal tat-toroq ghall-zmien il-Milied, bi premjijiet. Kompetizzjonijiet tat-titjir tat-tajr tal-karti u materjali ohra, gew organizzati mill-Malta Kite Flying Group, li issa jisimha The Kitefliers Group.

Huggiega ta' San Gwann Is-Socio Cultural Committee of Cospicua fit-23 ta' Gunju, organizza il-huggiega tradizzjonali ta' San Gwann, dinis-sena. Saret fix-Xghajra ta' Bormla; Charles Galea Scannura, President, ta taghrif dwar l-okkazjoni f'Bormla, zewgt itfal graw il-kitba ta' Guido Lanfranco li dehret fis-Saghtar ta' Gunju dwar il-hgejjeg ta' San Gwann, u ohrajn qraw silitet letterarn, u wkoll novella ta' Guze' Ghetcuti. Il-huggiega ghamluha fuq pjanci tal-hadid bit-trajbu fuqha; inxtelghet it-triq, indaqqew marci, u saret display mit-tfal, inxteghlu gassijiet u sfafar, u nxtehtu gebel mit-tgal fuq il-huggiega biex itiru ssuffarelli. Dr. J. Brincat M.P. indirizza l-publiku fi tmiem l-okkazjoni, u heggeg aktar attivitajiet folkloristici u tradizzjonali. F'lahhar indaqq l-InnuMalti

Karrozzelli li ghandha 200 sena(Irish Cart) saqha karmenu Ciantar mill-Marsa, fil-5 ta' Settembru 1978, minn Hal-Qormi ghall tas-Sliema; wara thalliet ghall-wiri f'showrooms ta' karrozzi fil-Pieta' u l-Imsida.Madame Marie Therese Fenech, of Madame Fenech Antiques, Valletta, qalet li be hsiebha tikriha ghall tigijiet, films, ecc. Din inxtrat minn ghand Mrs Marie Antoinette Baldacchino. Il-President tar-Repubblika Dr. Anton Buttigieg, ipprezenta karrozzella (Landau) lill-Ministru tal-Kultura, biex titqieghed fil-Muzew tal-Folklor; din qabel kienet mizmuma f'Sant-Anton; qabel kienu juzawha l-gvernaturi inglizi ta' Malta sa zmien l-ahhar gwerra. L-Ghaqda Zaghzagh Zwieten, sezjoni miz-Zejtun Band Club, fit-18 ta' Novembru 1978 organizzaw defile' ta' karrettuni u karrozzelli bhala parti mill-festi ta' Santa Katerina. Dawna mxew wara l-marc ta' filghodu.

Mithna Il-Mithna ta' Ganu, B'Kara ser tigi restawrata. Dan qalu il-Ministru Sant fLulju 1978, f'risposta parlamentari.

Muzew tal-Folklor Fir-Rapport tal-Muzewijiet Apr.77-Aug.78, intqal li il-Muzew tal-Folklor jifta fil-Palazz ta' L-Inkizitur il-Birgu, malli jitlesta ix-xoghol ta' restawr li hemm.

Film dwar Malta fl-Antik Is-Sur Alfred Vella Gera ipproduca zewg films, "The Heritage of Saint Paul" li sar bhala preparazjoni ghas-centinarju Pawlin tal-1960,u "Carnival in Malta 1928" Dawn iz-zewg films intwerew fil-Plaza Cinema, Sliema, 18-2-79,matinee.

l-Istatwa tas-Salvatur f'Marsalforn Ghawdex, li kienet tkissret b'sajjetta xi snin ilu, issa saret mill-fibre-glass fil-liceo t'Ghawdex. L-istatwa fiha 6 metri. Il-pedestall inbeda Ott.'78.

Zwieg Ma' Misilmin, f'Malta, saru 4 fl-1978(ara Pastor July'78)

Metrika F'l-1978-9 is-sistema metrika trid tkun tintuza f'kollox. Tal-Pitroju nghataw laned godda, u tad-drappijiet lasta gdida.

Tberik ta' L-annimali Sar bhas-soltu fir-Rabat, Malta, ix-Xaghra Ghawdex, u il-Mosta;Fir-Rabat sar fl'14-1-79,Mosta 21-1-79

Regatta ta' San Pietru saret f'Birzebbugia il-Hadd,5-8-79, ghall okkazjoni tal-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen.

Gostra issir ukoll Marsaxlokk, ecc, fl-okkazjoni ta' laqghat polotici fis-sajf, minbarra xi baned u kant finhawi ohra.

Santa Elena ta' Birkirkara, fl-20 ta' Awwissu 1978, iccelebrat il-processjoni taghha filghaxija minflok filghodu bhal qabel.

Festi ta' San Lawrenz, San Gejtanu u Santa Marija gew affettwati wara li miet il-Papa Pawlu 1 fis-6-8-78, u kienhemm xi ftit litigazzjonijiet li fihom dahlu l-awtoritajiet tal-knisja, minhabba li kienu ser jahbtu fid-9 tijiem ta' luttu ghall-Papa.

Gbir pubbliku f'Dicembru 1978 bdew jigu diskussi fil-parlament ligijiet biex jirregolaw gbir pubbliku, li japplika ghall kulhadd; dan jirrikjedi permessi u regolamenti ohra.

Tikketta li fiha ghanneja maltin, u jismha Folklore, applikat bhala trade mark ta' mbid ghawdx; (Gazz. Gvern 25-5-79)

Zringijiet Ghad hawn id-drawa li kull min imur ic-Chadwick Lakes jew oost iehor lifih ikunhemm l-ilma, l-ewwel salt ikun biex jinqabdu iz-zringijiet; mhux hekk biss, izda xi persuni risponsabbli li jiehdu ttfal dawriet fil-kampanja biex izommuhom boghod mid-dnubm jikkommettu iehor billi jinkoragguhom igibu maghhom laned u vazetti, koppijiet u materjal iehor biex jaqbdu iz-zringijiet. Jinhtieg li din id-drawwa hazina u ta' hsara bla bzonn ghan-natura tinqatgha. It-tradizzjonijiet mhux kollha ta' min jerga'jqajjimhom.

Ir-Relikwa tal-Madonna tad-Dmugh tingieb f'Ghawdex minn Sirakuza f'Settembru 1979, biex tifforma parti mic-celebrazzjonijiet centinarji li saru f'eghluq il-mitt sena mill-Konsagrazjoni tal-knisja Bazilika u Santwarju tas-Xaghra. Din qatt ma harget minn Sirakuza, qabel.

Loghob tan-Nar Sar f'Jum ir-Repubblika, minn kuntratturi.

Tigrija ta' L-Irgiel Saret fl-Imdina, fl-Okkazjoni tal-Festa tal Karmnu, nhar is-Sibt 21-7-79 fl-10.00pm.

Tlielaq tal-Bhejjem saru f'Santa Venera, fis-17-9-78, organizzati Mill-Kummissjoni ghac-Celebrazzjonijiet ta' Jum l-Indipendenza ta' Malta, mill-partit nazzjonalista, u mis-St. Venera Section, biex jimmarkaw l-15-il Annivarsarju. Kienhemm 23 tellieqa b'kollox.

Tellieqa tal-Wine Waiters saret fil-31-8-78 minn hdejn il-bus terminus ta' Spinola, San Giljan, sad-Dragunara Kazino, kull partecipant kellu tray b'zewg tazzi nbid u flixkun inbid. Rebhuha tal-Gran Hotel Verdala; giet organizzata lill-Guild of Sommeliers taht il-patrocinju tal Ministeru tat-Turizmu u l-Org.Tur.Malt.

Weraq tal-Palm fil-5c kull wahda mill ufficcju tas-sajd, il-belt, Barriera Wharf, biex dawk li jridu jlestu ghall-kannizzati ghal-lampuki ma jaqtghux weraq mis-sigar, ghax jistghu jigu mharrka.

Festa tal-Biedja fl-Imgarr,Malta, saret f'Lulju 1978 organizzata mill-Kumitat Svilupp tal-Biedja u Sajd tal-Muviment Azzjoni Socjali u l-Koperattiva ta' L-Imgarr. Il-Bdiewa mxew bl-ghodod sa hdejn iz-zuntier, bil-banda, saret quddiesa fuq iz-zuntier, tberik tal-ghodod, u spicca l-programm bil-ghana.

Wirja ta' Agrikoltura u Snajja f'Ghawdex saret bhas-soltu Awwissu'78

Figolla Haruf tal-Gid F'Hal Qormi, 1979, sar sforz biex ihajru lit tfal izommu l-lat religjuz tal-Ghid. Tal-M.U.S.E.U.M. ghamlu bosta figolli ghamla ta' Haruf, u dawn hargu bihom fil-processjoni ta' L-Irxoxt, fejn tbierku lill-Arcipriet.

Il-Mejda ta' l-Appostli saret bhas-soltu mill-Arcikonfraternita tas-Sagrament, tad-Dumnikani tal-Belt, ukoll f'Borlma, Hal-Lija, u Paceville, minbarra f'xi postijiet ohra. F'Paceville kellhom ukoll ghall-ewwel darba, (1979) il-busti ta'l-Appostli u Kristu

Wirja fil-Gudja ta' Xoghol bl-idejn u xi ftit oggetti domestici ta' nteress folkloristiku, saret f'Awwissu 1978(26 sat-30) mill Kazin tal-Banda Our Lady of Consolation, fil-Kazin tal-Madonna taċ-Ċintura

Mudelli Folkloristici ta' xi snajja Maltin, dehru bhala parti mill-padiljun ta' Malta, fit-Trade Fair 1979, Naxxar.Kienhemm 7 'dioramas'li juru s-sna tal-haddied, mastrudaxxa, bidwi, ecc.tas-Sur Buttigieg, Attard, li silfhom ghall-okkazjoni.

Harsa Lura Lejn Tfuliti kienet wirja folkloristika li saret fil-bini tal-Movement of United Teachers, triq ir-Repubblika,213 il-Belt, fl-ahhar gimghatejn ta' Gunju 1979. F'din il-wirja kien hemm ghadd ta' mudelli li juru episodji minn-drawwiet jew snajja Maltin, maghmulin mis-Sinjura Dimech minn Hal-Balzan, u juru rizultat ta' snin ta' xoghol. Mrs. Dimech ghandha l-fuq minn 80 sena. Din il-Wirja giet organizzata mill k umitat inkarigat mis-sena interna-zzjonali tat-tfal.

Folk Festival F'Ghawdex gie organizzat f'Mejju 1978 mill Ghaqda Haddiema Zaghaagh,fergha tal-General Workers Union.

Kampanja Ifrah u Ferrah ghaz-zmien tal-Milied, b'sigra tal-milied f'Misrah il-Helsien, il-Belt, saret bhas-soltu mill-Kumitat festi nazzjonali, fejn jistghu jitgeghdu rigali ghall-istituti.

Bambin taht l-Ilma. Il-President tar-Repubblika, Dr.Anton Buttigieg libes il-'wet suit' u nizel fl-ilma tas-Swimming Pool ta' Villa Rosa, San Giljan, u pogga l-Bambin f'maxtura ckejkna taht l-ilma.

Tal-Gelat li uhud minnhom kienu johorgu jbieghu bil-van akkumpanjat b'muzika u 'chimes' biex jattiraw lin-nies, ma jistghux aktar juzaw dan il-mezz ta' attrazzjoni(TV News 11-6-79)

Kalendarji ta' nteress folkloristiku St.Joseph's Home Calendar1979 kellu 7 stampi minn fuq ppingija bil-lapes ta' Dr.George Zammit, li juru xeni f'Malta. l-ABC Stationers ippublikaw il-kalendarju tal-1980 kmieni, u jgib l-engravings bil-kulur ta' C.F Brocktorff u F.Zimelli.

Tahdit u programmi folkloristici Is-Sur J.Cassar Pullicino tkellem dwar "Skungrar u Orazzjoni fil-Peozija Popolari Religjuza f'Malta", fl-Universita'Tal-Qroqq,23-2-79,fis-serje Guze'Galea Lecture. Qabel ma l-British Council nghalaq mill-gvern Malta minhabba xi til-wim politiku, fid-9 ta' Novembru 1978, is-Sur Guido Lanfranco ghamel tahdita lejliet, fit-8 ta' Novembru 1978, dwar "Aspects of Maltese Folklore", bhala attivita' tal-Geographical Society. Gahmel ukoll tahdita dwar il-folklor lir-religjuzi tas-St.Paul Missionary College fir-Rabat,(26-3-79), ohra lil-St.Gregory Centre Sliema, (20-6-78),

u ukoll lil-Friendship Group, Floriana, dwar Folk Mèdicine(20-6-79) Gie ntervistat dwar il-ktieb tieghu "Duwa u Semm fil-Hxejjex Maltin" fuq Cable Radio, Mara Maltija Progr., 6-1-79, u wkoll dwar il-hut fil-folklor f'Sett.'78, fil-progr. "Is-Snajja fil-Qwiel". Is-Sur Rafel Bonnici Cali kellu programmi fuq it-televizjoni dwar Kunjomijiet Maltin, serje ohra li saret darbtejn "Il-Forcina" dwar statwi u knejjes titulari ta' qaddisin f'Malta, u fit-18 ta' Gunju kellu it-teledramm "San Nikola tal-Venturi" li dwaru issibu aktar informazjoni mill-awtur stess, f'din il-harga ta' l-Imnara. Is-Sur Charles Coleiro ipprezenta zewg serje ta' programmi fuq it-televizjoni, "Wiccek Wicc l-Angli tas-Sema" ibbazat l-aktar fuq ghana ta' kull xorta. Fuq it-TV ukoll sar "Zmien il-Lampa u l-Faxxikli" b'rumanzi tal-faxxikli ta' dari. Fuq Cable Radio u Radio Malta saru wkoll programmi ta' Marci Maltin taht l-isem ta' "Festa" minn Peter Paul Ciantar, minbarra "Is-Snajja fil-Qwiel" li semmejna qabel, ta' Mrs. Caccopardo Mariani. "Il-Maltin Bejn Drawwa u Grajja" ta' Pawlu Cachia gew ripetuti wara li xi snin ilu kienu saru waqt li l-awtur taghhom kien ghadu haj. Nhar il-Gimgha l-Kbira 1979, il-kameras ta' TVM marru ghall-prucissjoni taz-Zejtun, u dehret dirett.

<u>Folklor Malti f'Artijiet Barranin</u> Commonwealth Carnival 1978 ha sehem fih il-grupp "Viva Malta" bi-22membru.(Aug.78). Fil Welsh Festival ta' LLangollen hadu sehem il-Paul Curmi Dancers, li fil-voti hadu 80%(July1978); marru wkoll id-Danimarka f'Gunju 1979 biex jippartecipaw fit-Third Festival of Music, fil Ballerup Minicipality. Il-Paul Curmi Dancers marru wkollAmsterdam (Nov.78) biex jippartecipaw fic-celebrazzjonijiet tal-Ftugh tal-Head Office hemm. More that 200 Maltese of London, (Toronto) Canada marked the first year of their organisation which started in 1958; they had a banquet followed by dancing in local maltese costume, and songs. (see Times of 31-7-78 & 17-10-78). Tfal Maltin ghamlu l-ewwel tqarbina taghhom fil-knisja germaniza ta' San Boniface, F'Alder Street, East End, Londra. Dan sar il-Hadd 2 ta' Lulju'78, u ukoll sena qabel.

Il-Gvern ta' New South Wales, Awstralja, organizza Gimgha Carnecale 1978,minn Settembru 16 sa 24; Il-comunita' maltija hadet parti. Bhal kull sena,fl-1979 il-Community Folk Arts Council of Metropolitan Toronto, ghamlet ezibizjoni ta' hames sieghet "Easter Around The World,b'wirjiet ta' ikel u snajja, u kostumi nazzjonali; Kienhemm affarijiet bl-ghagina la maltija, u tqassmu ricetti maltin, u informazjoni dwar Malta. Dan sar f'Hadd il-Palm1979.

<u>Folklor Barrani f'Malta</u> Il-Kumitat ji jorganizza l-festi li jfakkru il-31 ta' Marzu, gabu Malta gruppi folkloristici mill-Korea u mill-Ungerija; l-Ungerizi tal Jaszsak Folk Ensemble taw wir ja fil-Manoel(27-3-79) u l-Koreani tal-Pyongyang Artist Group fil-Manoel Theatre(28-3-79). Il-Mid-Med Bank u l-Bank of Valletta u l-Air Malta ghall-istess okkazjoni ,fl-Universita l-antika, l-Imsida, kellohom fost ohrajn l-African Drummers and Dancers, u l-Grupp Groover mill-Karibew. Il-Grupp Russu Radost gie Malta u ta wirja fl-Alhambra Theatre Sliema, fil-5 ta' Gunju '78. Dan ingieb Mill-Malta/USSR Friendship and Cultural Society, minn Bielorussia. Wara dawn gabu wkoll grupp iehor mit-Tartar Republic ghall-15 u 16 ta' Lulju 1978, fl-Alhambra ukoll. It-tielet staggun ta' l-Opra teatrali gie inawgurat fl-Aurora Theatre, Ghawdex, billi gabu lill-Grupp Bahkor mir-Russja(5-10-78). F'Novembru 1978, regghet saret l-Oktoberfest fil-Grand Hotel Verdala, permezz tal-banda folkloristika Bavariana "Die Isartaler Blasmusik",mal-Folk-dancing group tal-Germanja Chiemgauer und Baum";marru wkoll fl-Aurora Theatre, Ghawdex.

**********************

**********************